TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Fit-Tribunal għal Talbiet tal-Konsumaturi.

Rikors Nru. CCT 65/13 (JE).

Paul Debono

vs

Stefan Briffa illi jeżerċita l-kummerċ taħt l-isem Ta' Lela Petshop u Tonio Briffa illi jeżerċita l-kummerċ taħt l-isem Ta' Lela Too.

Illum, 23 ta' Settembru 2013.

It-Tribunal,

Ra l-avviż ta' talba tal-attur tas-7 ta' Frar 2013 fejn stqarr illi fid-9 ta' Lulju 2012 huwa kien xtara żewġ African Gray biċ-ċertifikati imma għal ħabta ta' Diċembru 2012, huwa nduna illi ċ-ċertifikati kienu foloz. Il-konvenut (sic) mill-ewwel ried jagħtih il-flus lura imma hu ma aċċettax għax għandu tnax-il par ieħor u u jekk jidħol biex jaqbadhom l-oħrajn jitfarku (sic) u peress illi jkun hemm minnhom fuq il-bajd, kienu jkissru kollox. Skond l-attur, m'hux l-ewwel darba li jkun xtara par u wara jinduna illi t-tnejn ikunu rġiel. Kien xtara l-pappagalli € 1,300 għax suppost kienu biċ-ċertifikati u għalhekk talab kumpens ta' € 300.

Ra illi l-konvenuti, debitament innotifikati, ma daħlux risposta.

Sema' l-provi tal-partijiet.

Ikkunsidra.

Illi l-partijiet taw verżjoni tal-fatti totalment kontradittorja. L-attur qed jallega illi ċ-ċertifikati tal-għasafar kienu foloz imma ma ġab l-ebda prova ta' dan, l-anqas biss ippreżenta ċ-ċertifikati in kwistjoni. Il-konvenuti ċaħdu illi ċ-ċertifikati kienu foloz u offrew illi jieħdu lura l-għasafar, jagħtuh il-flus lura u offrew xkertejn ġwież lill-attur in kumpens imma l-attur baqa' jinsisti fuq kumpens ta' € 300.

Illi l-pretest tal-attur għala ma riedx jirritorna l-għasafar huwa pjuttost debboli u t-Tribunal ma jifhiemx kif, minkejja illi għadda daqshekk żmien, ma kienx possibli illi jaqbad l-għasafar mill-guva tagħhom u jirritornahom lill-konvenuti illi aċċettaw illi jagħtuh l-flus lura u inoltre joffrilu xkertejn ġwież kif ingħad.

Illi l-proċeduri quddiem it-Tribunal m'humiex il-mod kif wieħed jipprova jakkwista kumpens indebitu u dana aktar u aktar meta l-provi li ppreżenta l-attur kienu tassew dgħajfa u meta l-kummerċjant ikun offra illi jagħmel tajjeb għal kwalunkwe allegat nuqqas fil-ħaġa mibjugħa.

Għar-raġunijiet premessi, it-Tribunal qed jiċħad it-talba tal-attur bl-ispejjeż kontrieh.

Av. Joseph Ellis
Arbitru.